# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 28 ta' Lulju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 58/2025JPG**
**Kawza nru.: 27**

**MC**
**Vs**
**RF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MC datat 7 ta' Frar 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, LF li twieled f'X, u GF li twieled f' Y;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Prim'Awla) datat id-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024);*

3. *Illi l-partijiet ilhom sentejn (2) defacto separati;*

4. *Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi*

*minbarra li ilhom mis-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

5. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni, senjatament klawsola numru disgha ( 9) l-partijiet irrinunzjaw definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment. Il-manteniment ghal ulied tal-partijiet ai termini ta' klawsola numru tmienja punt wiehed (8.1) dejjem thallas u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment versu xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat li taqra hekk: (Vide Fol 14):

*Illi l-epsonenti qieghed jaghti ruhhu notifikat bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;*

*Illi l-esponenti jirrileva li ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;*

*Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu*

> *varjati hekk kif jidher mill-att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia datat sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) liema kuntratt gie pprezentat mar-rikors promotur;*
>
> *Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*
>
> *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*
>
> *Illi l-esponenti jitlob lil dina Onorabbli Qorti illi huwa ma jbaghtix l-ispejjez ta dawna l-proceduri.*
>
> *Li permezz taghha qieghed jipprezenta affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok RF01.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal datat 17 ta' Gunju 2025 li bih l-avukati difensuri tal-partijiet ddikjaraw li l-partijiet ghalqu l-provi u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 18).

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 3)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 2005 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 29 ta' Novembru 2024 in atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia, izda ilhom sentejn *de facto* separati. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide Fol 15)** u kkonferma u kkorrobora x-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 2005 liema zwieg jgib certifikat numru 2224/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali datat 29 ta' Novembru 2024 in atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia (Vide fol 5 et seqq.) izda ilhom sentejn separati *de facto*. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2224/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**